IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 73

# 29 ta` April 2019

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u ghoxrin ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Laurence Manicaro – Accountant tal-Kunsill

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

### 73.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

### 73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Nru 71(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti mqajma mill-Minuti**

73.2.1 Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li ccctv cameras u l-ispeed cameras li ser jigu nstallati mill-LESA ser ikunu kkontrollati minnhom stess. Is-Sur Trevor Mizzi ssugerriexa li ssir speed camera fi Triq San Dwardu. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. *(Minuti 71(07) 71.2.4)*

73.2.2 Is-Sur Boxall ghamel referenza ghall-item number 71.3.2, fejn informa lil dawk prezenti li wara li l-ittra minn naha tas-Sur Zahra ntbghatet bl-isem tal-post it-tajjeb, il-Kunsill bghat in-*no objection* minn naha tieghu. *(Minuti 71(07) 71.3.2)*

73.2.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-krieret inbidlu ghal dawk godda, u li l-Kunsill baqa` ma rcieva l-ebda korrispondenza minn naha tal-Arcipriet dwar il-proposta li saret mill-istess Kunsill biex tigi nstallata cctv camera. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill tal-Birgu huwa l-unika wiehed f`Malta li jiehu hsieb it-tindif tac-cimiterju. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex terga` tintbghat korrispondenza lill-Arcipriet. *(Minuti 71(07) 71.3.6)*

73.2.4 Is-Sur Boxall propona li ssir laqgha formali mall-President il-gdid tal-Kazin tas-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

73.2.5 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-krejn u l-ankri kienu tnehhew minn naha tal-Heritage Malta. Wara laqgha li saret mall-barklori giet diskussa l-possbilita li ssir tinda u li ssir uniformi lill-barklori kollha. Dwar dan ghad trid tittiehed decizjoni. *(Minuti 71(07) 71.7.1)*

**73.3 Korrispondenza**

73.3.1 Giet prezentata korrispondenza dwar il-launching tal-Go Bike 365, fejn is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-post maghzul biex issir il-launching huwa Xatt tal-Birgu.

73.3.2 Prezentata korrispondenza mibghuta mis-Sezzjoni Zghazagh Palmizi dwar l-attivita tal-Vittoriosa Wine Festival, fejn gie mitlub sabiex l-attivita ssir fit-13 ta` Lulju flok fis-6 ta` Lulju. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

73.3.3 Gie prezentata korrispondenza mir-Regjun Xlokk dwar il-hatra ta`DPO, fejn il-Kunsill gie nfurmat li r-Regjun ma jistax johrog sejha ghall-offerti ghall-Kunsilli kollha, imma li kull Kunsill irid jitlob ghall-kwotazzjoniijet.

73.3.4 Prezentata l-purchase order li ntbaghtet mill-Water Service Corporation dwar *trench excavation, pipe laying* u xoghlijiet ohra relatati ghall-Triq l-10 t`Awwissu 1258.

73.3.5 Prezentata korrispondenza dwar konferenza stampa li tellghet fil-binja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar il-progett WIFI4U. Din il-konferenza tellghet nhar is-Sibt 27 ta` April 2019.

73.3.6 Gie prezentat l-permess ta` DNO li nhareg mill-Awtorita tal-Ippjanar sabiex jigu installati tmien bankijiet godda fejn il-munument tal-Papa.

73.3.7 Mibughta ittra lill-Onorevoli Ministru Konrad Mizzi, fejn s-Sindku talab biex isir laqgha mieghu biex tigi diskussa s-sitwazzjoni tal-barklori fil-Birgu u dan sabiex is-servizz li qed jinghata specjalment lit-turisti jkompli jitjieb.

73.3.8 Giet moqrija korrispondenza li ntbghatet lis-Sur Fredrick Azzopardi dwar ix-xoghlijiet li qed isiru fi Triq San Dwardu, fejn il-Kunsill talab sabiex isir bankina f`certu partijiet ta` triq u dan sabiex tissalvagwardja lill-istudenti kollha li jattendu l-iskejjel li hemm f`din it-triq.

73.3.9 Prezentata korrispondenza dwar laqgha li ser ssir f`Settembru relatata mall-Assocjazzjoni tal-Gimgha Mqaddsa, fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jibghat id-dettalji ta` persuna teknika f`dan il-qasam li l-Kunsill jixtieq li jaghzel biex jirraprezenta lill-istess Kunsill. Is-Sur Boxall talab lis-Sur Anton Gellel sabiex issir laqgha ma` rapprezentant tal-Kummissjoni Gimgha Mqaddsa.

73.3.10 Mibughta ittra ta` stedina lill-Onorevoli Ministru Evarist Bartolo sabiex tigi nawgurata minnu *play area* gdida fl-iskola Primarja Santu Rokku li giet sponsorjata mill-Fundazzjoni Alf Mizzi & Sons wara talba li saret mis-Sindku lill-istess fudazzjoni. Din l-inawgurazzjoni ser ssir il-Hamis 2 ta` Mejju 2019.

73.3.11 Giet moqrija talba li saret mill-Vittoriosa Stars, sabiex jtellu attivita nhar il-15 ta` Gunju 2019 fl-area ta` Couvre Porte. L-attivita ser *tkun modelling show*. Il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni sabiex titella` din l-attivita.

73.3.12 Giet prezentata l-korrispondenza SPI6/2019 – Espressjoni ta` interess ghall-programm Ghaqal id-Dar- Hajja Ahjar, fejn il-Kunsill wera interess li jergghu jitghellu dawn il-laqghat fil-binja tal-Kunsill.

73.3.13 Prezentat invit li l-membri tal-Kunsill iricvew mill-Fondazzjoni Wirt Artna ghall-attivita qasira li ser titella` f`Couvre porte nhar it-Tnejn 6 ta` Mejju 2019. Waqt din l-attivita ser tigi nawgurata lapida storika li ser tigi nawgurata mill-Eccelenza Tieghu President ta` Malta Dr. George Vella.

73.3.14 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti b`korrispondenza li ntbghatet mill-Kunsill lis-Sur Jonathan Gambin sabiex id-dghajjes li tellghu fuq l-art f`Salle Porte, jitnehhew minn fejn gew mpoggija u jitpoggew fl-immedjat fejn kien hemm l-Oil Tanking.

73.3.15 Moqrija korrispondenza li ntbghatet l-Alf Mizzi & Sons sabiex tghin finanzjarjament lill-Kunsill biex jinxtara van ghall-anzjani biex l-istess Kunsill ikun jista` jaqdi lill-diversi anzjani fil-lokalita tieghu fil-htigijiet neccessarji ta` kuljum taghhom. Sfortunatament din it-talba ma gietx milqugha mill-bord tal-Alf Mizzi & Sons.

73.3.16 Mibughta korrispondenza dwar ir-restawr li ser ssir fuq in-naha ta` wara tal-Berga ta` Franza fejn il-Kunsill talab sabiex isiru l-faccati kollha ta` naha ta` wara tal-Berga u mhux parti wahda biss. Din it-talba saret lill-Onorevoli Glenn Bendingfield.

73.3.17 Il-Kunsill wera l-interess tieghu sabiex ikun msieheb fi progett bl-isem *"You(th) join Structured Dialogue for Active Participation"* li jaqa taht il-programm Erasmus +.

73.3.18 Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li waqt l-European Week for Waste Reduction, il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva premju ta` hames t`elef ewro

ghax il-lokalita tal-Birgu giet l-ewwel f`Malta fis-separazzjoni tal-skart organiku. Is-Sur Boxall propona li b`dawn il-fondi allokati jinxtraw il-bins ta` separazzjoni tal-iskart ghall-iskola primarja tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

73.3.19 Moqrija korrispondenza li ntbghatet mis-Sur Lorenzo Zahra mis-Socjeta Storiko Kulturali Vittoriosa dwar proponiment li kien sar mill-istess Socjeta biex l-bini tal-arlogg fil-Pjazza jinbena minflok il-faccata finta li hemm fil-Pjazza faccata tal-Monument tal-Vitorja.

73.3.20 Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li l-process fir-rigward tan-nicca tal-kurcifiss ghaddej u l-perit Serracino – Inglott u tim tieghu qeghdin jadhmu fuq id-disinn propost biex jigi konkluz dan il-progett.
73.3.21 Prezentata Cirkulari AKL2019/035 – Listi ta` kutatti ta` Kapijiet tal-Kommunitajiet mibughta mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

73.3.22 Prezentat l-ftehim li sar mall-belt ta` Deryneia, Cipru fil-progett WIVAS, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jiehu somma ta` tnejn u ghoxrin elf talli ser jospita wahda mill-konferenzi gewwa lokalita tal-Birgu. Il-Ftehim sar li tnax-il elf ewro ser jittiehdu qabel il-konferenza u l-kumplament ser jinghataw meta jispicca l-progett f`Mejju 2020.

**73.4 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statement 2018**

73.4.1 Is-Sur Laurence Manicaro, l-accountant tal-Kunsill nforma lil dawk prezenti li fl-Audited Financial Statement kien hemm emenda wahda biss, fejn xorta wahda il-finanzi tal-Kunsill baghqu jirrizultaw surplus. Is-Sur Manicaro zied jghid li minhabba direttiva li nghatat lill-Kunsilli dwar kif ser tinhadem id-*depreciation* matul is-sena 2018, il-Kunsill spicca sena finanzjarja b`telf ta` €23,314, dan sehh wara li giet mnaqqsa l-*impairment provision* ta` €54,727. Is-Sur Manicaro spjega li dan ma jfissirx li l-Kunsill mhux qieghed fid-direzzjoni tajba ghax fis-sena 2018 Financial Situation Indicator tela` ghall-13% meta sena ta` qabel (2017) kien ta` 2%. Matul is-sena 2018, thallsu hafna kredituri antiki u b`hekk il-Kunsill ghandu biss kredituri rikurrenti. Is-Sindku propona li dan il-Financial jigu approvat u kien hemm qbil unanimu.

**73.5 Sejha ghall-offerti ghall-gbir ta` skart riciklat**

73.5.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ghas-sejha ghall-offerti ghall-gbir ta` skart riciklabbli kien hemm offerta wahda biss mill-kumpanija Green MT. Is-Sur Boxall zied jghid li fil-prezent il-Kunsill qieghed jiehu servizz minn ghand din il-

kumpanija u kull darba li kien hemm xi problema, dejjem sar mezz mill-istess kumpanija biex il-problema tisolva fl-immedjat. Barra minn hekk is-Sur Boxall kompla billi qal li fl-offerta hemm mniezel li servizzi kollha proponuti mill-Kunsill ser jinghataw lill-istess Kunsill. Is-Sindku propona li l-Kunsill ghandu japprova din l-offerta. Dwar dan il-proponiment kien hemm qbil unanimu.

**73.6 Progett tal-Bandli**

73.3.1 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-Kunsill qieghed jistenna minn naha tal-Awtorita tal-Ippajanar biex jigi iffirmat il-kuntratt bejn iz-zewg partijiet.

**73.7 Xoghlijiet fi Triq l-10 t`Awwissu**

73.7.1 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-Ministru tah l-approvazzjoni tieghu sabiex il-Kunsill ikun jista` johrog direct order biex isiru xoghlijiet fi Triq l-10 t`Awwissu. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill ser jiehu ir-ritratti ta` kull fazi ta` xoghlijiet. Is-Sur Boxall propona sabiex f`din l-imsemmija triq issiru tlett spazji ta` parkegg. Dwar dan il-proponiment gie deciz li tittiehed decizjoni wara li titlesta t-triq. *(Minuti 71(07) 71.5)*

**73.8 Komunikazzjoni mis-Sindku**

73.8.1 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien f`komunikat ma` rapprezentanti tal-Ministeru tas-Sahha sabiex fil-Berga tal-Ingliterra jigu provduti aktar servizzi specjalment ghal dawk anzjani. B`hekk il-Berga tibda tiftah kuljum mit-Tnejn sal-Gimgha fejn ser jibdew jinghataw is-servizzi ta` speech therapy, podologist fost ohrajn.

73.8.2 Is-Sur John Boxall ghamel referenza ghall-laqghat li kellhom isiru l-Awtorita tal-Djar dwar id-dar tal-anzjani fi Triq San Dwardu. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li laqgha giet posponuta ghal nhar il-Hamis 9 ta` Mejju 2019.

73.8.3 Is-Sur Boxall ssugerriexa li issa li Triq ic-Centinarju tal-Parrocca tlestiet mix-xoghijiet, hemm bzonn li jsiru xi bollards quddiem is-Sur Anthony Galea, quddiem is-Sur Joseph Ellul u quddiem il-Muzew. Dwar dan kien hemm qbil.

18:15hr Is-Sindku talab sabiex il-laqgha ssir fi stadju ta` kumitat.

Fis-18:15hr Is-Sur Lawrence Attard talab li jigi skuzat ghal ftit hin.

18:30hr Tkompliet il-laqgha tal-Kunsill.
Fis-18:30hr Is-Sur Trevor Mizzi talab li jigi skuzat ghal ftit hin.

**73.9 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

73.9.1 Is-Sur Anton Gellel staqsa ghalfejn Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur ma saritx kollha imma saret bicca biss bl-imprint concrete. Is-Sur Boxall qal li f`dik it-triq ser jitwahhlu l-bollards bil-katnazzi biex din it-triq tintuza biss f`kaz ta` emergenza jew meta ma jkunx hemm access ghall-Pjazza.

**73.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4743 sa` BOV 4784, u cekkijiet bin-numri, HSBC 9781. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 2 ta` April sad-29 ta` April 2019.

**73.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8.15pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 14 ta` Mejju 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum 4 ta` Gunju 2019

**IFFIRMATA**

John Boxall
Sindku

**IFFIRMATA**

Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv